**F'qalbi għażiż ħija**

Dalgħodu fil-kunvent tiegħi
Smajt bl-aħbar li ħallejtna,
Qalbi tnikktet għażiż ħija
Ma' oħrajn, bid-dmugħ f'għajnejna.

Niftakrek taħdem, tistinka
F'tagħna l-Parroċċa ta' San Ġwann,
Dejjem lest b'dik l-enerġija
Taqdi 'l kulħadd mingħajr gwadann.

Prokuratur kbir tal-festa
Titla' f'dak l-għoli mas-saqaf,
Ħalli ssebbaħ it-tempju t'Alla
Biex minnu l-qalb titnaddaf.

U meta ntagħżilt kappillan
Tal-Parroċċa li int ħabbejt,
B'qalbek kbira ngħatajt taħdem
Minkejja l-għajja w kemm batejt.

Imma issa fis-sema qiegħed
Titlob għalina waqt il-bżonn,
Aħna lkoll hawn pellegrini
Niftakru fik għax inti don;

Tal-imħabba hemm mifruxa,
Il-Kenja, Malta u l-Indja,
Kulfejn kont żrajt b'kotra l-fidi
Li l-qalb tferraħ b'tagħha l-milja.

Niżik ħajr f'isem familti
Dejjem kont għalina l-faraġ,
Issa naf x'kont int għalina
B'ħeffa tlajt tal-ġenna t-taraġ.

Imħabbtek lejn il-Madonna
Żgur li poġġietek fl-aqwa post,
Ħalli minn hemm tkun hawn ħdejja
Tgħinni ninfetaħ għall-Irxoxt.

Kbar w kbar huma tifkirieti
Il-morda jfaħħruk b'tjubija,
Ġid kbir w sieket għamilt magħhom
F'qalbi tibqa' għażiż ħija.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' April 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.